MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 738/2000/2

***Wara s-sentenza ta' l-20 ta' Gunju 2005***
***Rikors 738/00 GV fl-ismijiet:***

**Barc Company Limited**

**v.**

**Avukat Generali u Carmen Gatt, Edmond Gatt, Simon Gatt, Dolores Gatt Baldacchino, Josienne Tonna, ahwa Gatt Baldacchino, u Arcidiacono Limited u Renato Arcidiacono**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan huwa provvediment dwar iz-zewg eccezzjonijiet sollevati mir-ritrattati Carmen Gatt, Edmond Gatt, Simon Gatt, Dolores Gatt Baldacchino u Josienne Tonna permezz tar-risposta taghhom tat-8 ta' Novembru 2005 ghar-rikors ta' ritrattazzjoni presentat fis-17 ta' Ottubru 2005.

**2.** Permezz ta' rikors presentat, kif inghad, fis-17 ta' Ottubru 2005, is-socjeta` Barc Company Limited talbet li din il-Qorti thassar is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) ta' l-20 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tordna li l-kawza in sede ta' appell kostituzzjonali tigi mismugha mill-gdid fil-meritu, b'mod ghalhekk li din il-Qorti tilqa' l-appell minnha originarjament interpost. Permezz ta' din is-sentenza tal-20 ta' Gunju 2005 din il-Qorti kienet cahdet appell ta' l-imsemmija socjeta` minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghha) moghtija fit-30 ta' Gunju 2000.

**3.** Ir-rikors ta' ritrattazzjoni hu bbazat fuq il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 li jipprovdi testwalment li:

**"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin…..(*e*) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin: ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni."**

**4.** Ir-ritrattati aktar 'l fuq imsemmija – cioe` l-ahwa Gatt Baldacchino – eccepew li (i) il-procedura ta' ritrattazzjoni ma tapplikax ghal kawzi decizi mill-Qorti Kostituzzjonali u, bla pregudizzju ghal din l-ewwel eccezzjoni taghhom, li (ii) r-rikors ta' ritrattazzjoni sar *fuori termine*. Fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2006 din il-Qorti ordnat li l-partijiet jitrattaw

biss dawn iz-zewg eccezzjonijiet. Fil-kors tat-trattazzjoni orali, id-difensur tas-socjeta` ritrattanda, filwaqt li elabora fit-tul ghala, skond hu, setghet issir ritrattazzjoni ta' kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali, irrimetta ruhu ghall-atti ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tat-tardivita` tar-rikors ta' ritrattazzjoni.

**5.** Issa, kif inhu risaput, l-iskop ta' gudikat huwa li permezz tieghu tigi deciza l-vertenza bejn il-partijiet u mhux li l-Qorti – tkun liema tkun – tikteb trattati ghal skopijiet purament akkademici. Fi kliem iehor, jekk, bhalma huwa koncepibbli fil-kaz odjern, imqar eccezzjoni wahda biss mit-tnejn sollevati mir-ritrattati tista' tregi, ikun alkwantu inutili ghal din il-Qorti li toqghod tezamina l-eccezzjoni l-ohra.

**6.** Skond l-Artikolu 818(1) tal-Kap. 12, iz-zmien li fih tista' ssir talba ghal ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur li, fil-kaz ta' talba msejsa fuq il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 811, bhalma hu l-kaz odjern, jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza – Artikolu 818(1)(d). Bejn is-sentenza li t-thassir taghha qed jintalab biex il-kawza tkun tista' tigi ritrattata – li nghatat fl-20 ta' Gunju 2005 – u r-rikors ta' ritrattazzjoni – presentat fis-17 ta' Ottubru 2005 – ghaddew aktar minn tliet xhur (precisament erba' xhur neqsin tliet ijiem).

**7.** Ghalhekk, anke li kieku din il-Qorti kellha tiddeciedi li l-procedura ta' ritrattazzjoni hija applikabbli ghal kawzi decizi mill-Qorti Kostituzzjonali, ir-rikors odjern huwa xorta wahda irritu u null ghax ippresentat *fuori termine*.

**8.** Ghall-motivi premessi, din il-Qorti, filwaqt li thalli impregudikata l-kwistjoni ta' jekk il-procedura ta' ritrattazzjoni hix applikabbli jew le ghal kawzi decizi mill-Qorti Kostituzzjonali, tiddikjara r-rikors odjern bhala li hu fi kwalunkwe kaz irritu u null, u konsegewntement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` rikorrenti ritrattanda, cioe` minn Barc Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------